**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Robert Said Sarreo]**

**vs**

**Gordon Albani**

**Kumpilazzjoni Numru: 490/14**

**Illum, 11 ta' Jannar, 2016**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Gordon Albani detentur tal-karta tal-identita` numru 258684(M).

Akkuzat talli:

1. Nhar l-14 ta' April 2014, ghal habta ta' bejn is-1.30pm u s-1.45pm, minn gewwa Triq il-Kunvent, Zabbar, ikkommetta serq ta' laptop tad-ditta Apple, li l-valur tieghu jeccedi l-232.94 Euro izda mhux aktar minn 2329.40 Euro, ghad-detriment ta' Karin Amelie Linnea Bergenheim u/jew persuna/i ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u dan bi ksur tal-artikoli 261 u 267 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex barra milli tapplika il-piena skont il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta` ta' din il-persuna hawn fuq indikata.

Rat it-talba wkoll sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzati ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti pprezentati inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;

Rat li l-imputat irregistra ammisjoni tal-akkuza kif dedotta kontrih u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu;

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 28G, 261 u 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat **Gordon Albani** hati tal-akkuza kif dedotti kontrih u tikkundannah ghal sitt (6) xhur prigunerija sospizi ghal sena (1) flimkien ma' *supervision order* fejn il-*probation officer* hekk imqabbad ghandu jindirizza l-problema ta' droga li ghandu l-imputat.

Finalment, spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta u tordna li kopja tas-*Supervision Order* annessa mal-odjerna sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-*Probation* u *Parole*.

---

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**